VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,767, 28 ta' April, 2017

Taqsima B

A.L. 125 tal-2017

ATT DWAR IR-REĠISTRAZZJONI U L-LIĊENZJAR TA' VETTURI BIL-MUTUR (KAP. 368)

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2017 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20 tal- Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur u bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru għat-Trasport u Infrastruttura, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop. L.S. 368.02.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-Regolamenti hu Regolamenti tal-2017 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/46/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "Direttiva 80/1268/KEE" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Direttiva 95/46/KE" tfisser Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-*data*;";

(b) minnufih wara t-tifsira "Direttiva 2002/24/KE" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Direttiva 2002/58/KE" tfisser Direttiva 2002/58/

VERŻJONI ELETTRONIKA

KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika;";

(ċ) minnufih wara t-tifsira "Direttiva 2007/46/KE" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Direttiva 2014/45/UE" tfisser Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE;" u

(d) minflok it-tifsira "reġistru" għandu jidħol dan li ġej:

" "reġistru" tfisser ir-reġistru miżmum elettronikament mill-Awtorità tad-data dwar il-vetturi bil-mutur kollha reġistrati u liċenzjati minnha;".

Jissostitwixxi r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Reġistru.

12. (1) L-Awtorità għandha tistabbilixxi u żżomm reġistru li fih hija għandha tirreġistra elettronikament *data* dwar il-vetturi kollha reġistrati u liċenzjati skont dawn ir-regolamenti;

(2) Dik id-*data* għandha tinkludi:

(a) l-elementi obbligatorji kollha skont l-Anness I punt II.5 tal-Anness I kif ukoll l-elementi tal-punti II.6 (J) u II.6 (V.7) u (V.9) ta' dak l-Anness, meta d-*data* tkun disponibbli;

(b) *data* mhux obbligatorja oħra elenkata fl-Anness I jew *data* miċ-ċertifikat tal-konformità kif previst fid-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fejn possibbli;

(ċ) l-eżitu ta' testijiet perjodiċi obbligatorji tal-affidabbiltà stradali skont id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali;

(d) il-validità tal-liċenzja maħruġa skont il-Parti III ta' dawn ir-regolamenti;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(3) L-Awtorità tista' tgħaddi kull dettal li żżomm fir-reġistru lill-Pulizija jew lill-gwardjani lokali jew lill-awtorità ġudizzjarja jew lil kull awtorità oħra responsabbli għar-reġistrazzjoni ta' vetturi jew għall-infurzar ta' regolamenti dwar il-vetturi bil-mutur fi Stat Membru għal kull skop marbut ma' reati jew kontravenzjonijiet tat-traffiku u tar-regolamenti dwar vetturi bil-mutur, jew lil xi persuna oħra li tissodisfa lill-Awtorità li għandha tassew għaliex tkun teħtieġ dawk id-dettalji;

(4) L-ipproċessar ta' data personali fil-kuntest ta' dawn ir-regolamenti għandu jitwettaq skont id-Direttivi 95/46/KE u 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

(5) *Data* teknika dwar vetturi għandha tkun disponibbli lill-istazzjonijiet tal-VRT għall-finijiet tal-ittestjar perjodiku tal-affidabbiltà stradali.".

Jemenda r-regolament 22 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 22 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolamenti (4) u (5) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subregolamenti (5) u (6); u

(b) minnufih wara s-subregolament (3) tiegħu għandu jidħol dan is-subregolament ġdid li ġej:

"L.S. 65.15.

(4) Fejn il-liċenzja ta' vettura partikolari tkun ġiet sospiża skont ir-regolament 18E(5) tar-Regolamenti dwar Testijiet biex Jiċċertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma Tajba għat-Triq, dik is-sospensjoni għandha tiġi rreġistrata elettronikament fir-reġistru u għandha tkun effettiva sakemm il-vettura tgħaddi minn test ġdid tal-affidabbiltà stradali. Mat-tlestija b'suċċess tat-test tal-affidabbiltà stradali, l-Awtorità għandha mingħajr dewmien tneħħi s-sospensjoni u tawtorizza mill-ġdid l-użu tal-vettura fit-triq.".

Jemenda r-regolament 43 tar-regolamenti prinċipali.

5. Fir-regolament 43 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "ir-regolament 39." għandhom jidħlu l-kliem "Tali tħassir tar-reġistrazzjoni għandu jiġi reġistrat fir-reġistru.".